MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2009

Numru. 706/2009

Il-Pulizija
(Sp Keith Arnaud)
vs
Teresa Cuschieri, bint Nazzareno, imwielda Pieta’ fid-19 ta’ Ottubru, 1967

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli b’diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li kienu ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:

1. fil-21 ta’ Lulju, 2009, f’xi ħin bejn il-11.00 a.m. u il-11.45 a.m., minn ġewwa l-lukanda bl-isem St. Paul’s Bay Hotel, karma numru 4406, li tinsab fi Triq it-Turisti, Buġibba kkomettiet serq ta’ oġġetti, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-€232.94 iżda mhux iżjed minn €2,329.37, u bil-persuna u dan għad-dannu ta’

Montserrat Enriquez Rodriguez ta’ nazzjonalita’ spanjola u/jew persuna jew persuni oħra;

2. fil-15 ta’ Lulju, 2009, f’xi ħin bejn nofs in-nhar u il-5.00 p.m., minn ġewwa l-lukanda bl-isem St. Paul’s Bay Hotel, karma numru 1506, li tinsab fi Triq it-Turisti, Buġibba kkomettiet serq ta’ flus, liema serq hu aggravat bil-mezz u bil-persuna u dan għad-dannu ta’ Claudia Feliu Aragones ta’ nazzjonalita’ spanjola u/jew persuna jew persuni oħra;

3. fil-15 ta’ Lulju, 2009, f’xi ħin bejn is-1.00 p.m. u il-3.00 p.m., minn ġewwa l-lukanda bl-isem St. Paul’s Bay Hotel, karma numru 1606, li tinsab fi Triq it-Turisti, Buġibba kkomettiet serq ta’ flus, liema serq hu aggravat bil-mezz u bil-persuna u dan għad-dannu ta’ Alexander Taieb ta’ nazzjonalita’ franċiża u/jew persuna jew persuni oħra;

4. fl-10 ta’ Lulju, 2009, f’xi ħin bejn nofs in-nhar u il-5.00 p.m., minn ġewwa l-lukanda bl-isem St. Paul’s Bay Hotel, karma numru 411, li tinsab fi Triq it-Turisti, Buġibba kkomettiet serq ta’ flus, liema serq hu aggravat bil-mezz u bil-persuna u dan għad-dannu ta’ Rebecca Johanna Enskog ta’ nazzjonalita’ svediża u/jew persuna jew persuni oħra;

5. fl-10 ta’ Lulju, 2009, f’xi ħin bejn nofs in-nhar u il-5.00 p.m., minn ġewwa l-lukanda bl-isem St. Paul’s Bay Hotel, karma numru 413, li tinsab fi Triq it-Turisti, Buġibba kkomettiet serq ta’ flus, liema serq hu aggravat bil-mezz u bil-persuna u dan għad-dannu ta’ Elisabeth Gerleman ta’ nazzjonalita’ svediża u/jew persuna jew persuni oħra;

6. fl-10 ta’ Lulju, 2009, f’xi ħin bejn nofs in-nhar u il-5.00 p.m., minn ġewwa l-lukanda bl-isem St. Paul’s Bay Hotel, karma numru 402, li tinsab fi Triq it-Turisti, Buġibba kkomettiet serq ta’ flus, liema serq hu aggravat bil-mezz u bil-persuna u dan għad-dannu ta’ Erik Jesper Karlsson ta’ nazzjonalita’ svediża u/jew persuna jew persuni oħra;

7. fit-8 ta’ Lulju, 2009, f’xi ħin bejn it-3.30 p.m. u is-6.30 p.m., minn ġewwa l-lukanda bl-isem St. Paul’s Bay Hotel, karma numru 5519, li tinsab fi Triq it-Turisti, Buġibba kkomettiet serq ta’ flus, liema serq hu aggravat bil-mezz u bil-persuna u dan għad-dannu ta’ Lorenzo Lazzari u Yuri Nalesso ta’ nazzjonalita’ taljana u/jew persuna jew persuni oħra;

8. talli bejn l-4 ta’ Luju, 2009 u il-21 ta’ Lulju, 2009 minn madwar 220 kamra mqassma f’diversi sulari u blokok fl-imsemmija lukanda, ikkomettiet serq ta’ diversi oġġetti u flus li l-valur komplessiv tagħhom jeċċedi l-€2,329.37, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-persuna u dan għad-dannu ta’ persuna jew persuni mhux magħrufa;
9. talli bejn l-4 ta’ lulju, 2009 u il-21 ta’ Lulju, 2009, xjentement f’Malta laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun, indaħlet biex tbiegħ jew tmexxi dawn l-oġġetti;
10. talli saret reċidiva skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b’diversi sentenżi mogħtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Novembru, 2009 fejn l-imputata ammetiet l-akkużi ta’ serq miġjuba kontra tagħha.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Novembru, 2009 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-oġġetti kollha misruqa li għandhom x’jaqsmu mal-ewwel akkuża ġew kollha ritornati.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tad-disa’ akkuża miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha minn tali akkuża. Issibha ħatja tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 49, 261(b)(ċ)(d), 263, 267, 268(a) u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali u il-kollaborazzjoni tal-pulizija. Tikkundannaha għal piena ta’ sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputata tikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba’ snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------